**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 204/2015**

**Kurt Desira (KI 291491M)**

**vs**

**Kenneth Zammit (KI 373678M)**

**Illum, 28 ta' Jannar, 2020**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tar-rikorrent li talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat jersaq:

> "ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati minnek dolozament fuq il-vetturi tar-rikorrenti u cioe' Renault Kango bin-numru ta' registrazzjoni KGV 237 u DAF LF bin-numru ta' registrazzjoni KAI 916.
>
> Ai fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi d-danni ma jeccedux id-disa' telef Ewro (€9,000).

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' mandat ta' qbid numru ... u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat ukoll ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:

"1. Illi prelimarjament, il-gudizzju mhux wiehed integru stante illi ghalkemm l-intimat Zammit huwa mizzewweg, l-mara tieghu ma gietx ngunta wkoll bhala intimata;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attur huma in ogni caso infondati legalment kif ukoll fatwalment;

3. Illi dan qed jigi sottomess stante illi, l-hsarat fuq il-vetturi proprjeta' tar-rikorrenti, certament illi ma gewx ikkawzati minn l-intimat, u dan kif jirrizulta ahjar mill-provi prodotti quddiem din l-Onorabbli Qorti waqt is-smiegh tal-kawza;

4. Illi ghalhekk l-intimat mhux responsabbli ghad-danni reklamati;

5. Illi sussidjarjament u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont ta' danni reklamati mill-attur ghandhom jigu indikati b' mod aktar preciz;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jigu permessi skond il-ligi u awtorizzati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

Rat l-atti.

Semghet il-provi.

Rat is-sentenza preliminari taghha tad-19 ta' Ottubru 2016.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur tal-31 ta' Ottubru 2019.

Rat illi l-intimat ma prezenta l-ebda nota ta' sottomissjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fil-qosor, f'din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob likwidazzjoni u hlas ta' danni fuq il-vetturi tieghu Renault Kango bin-numru ta' registrazzjoni KGV 237 u DAF LF bin-numru ta' registrazzjoni KAI 916.

L-intimat eccepixxa (1) in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju, (2) it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, (3)il-hsarat ma gewx kagunati mill-intimat, (4) ghalhekk huwa mhux responsabbli ghall-istess u (5) sussidjarajment l-ammont ta' danni ghandu jkun precizat.

**L-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju**

Illi din l-eccezzjoni giet deciza permezz tas-sentenza preliminari tad-19 ta' Ottubru 2016.

**Provi**

**Ir-rikorrent** prezenta l-affidavit tieghu a folio 22 tal-process fejn spjega li kien beda jircievi xi telefonati anonimi ta' theddid u li huwa kien

gharaf lill-intimat minn lehnu ghax kien jiffrekwenta l-hanut tieghu. Dawn damu ghal madwar sitt gimghat u kif waqfu beda jsib hsara fil-vettura tieghu li kien qed isibha mcappsa b'xi likwidu fuqha u meta hasilha din baqghet imtebba'. Huwa beda jaghmel l-ghassa. Rega' sab l-istess hsara fuq it-trakk tieghu u dan gimgha wara gimgha u kien kull darba jaghmel rapport l-Ghassa. Imbaghad iddecieda iqabbad investigatur privat u wara ftit dan permezz ta' videos u ritratti kkonfermalu li l-persuna li kienet qed taghmel il-hsara fuq il-vetturi tieghu kien l-intimat. Huwa prezenta wkoll l-istejjem tal-hsarat u ricevuta tal-hlasijiet li huwa kien hallas lill-investigatur privat.[1]

Xehdet **RPC 3141 Jeanette Cicala** a folio 25 tal-process li esebiet erba' rapporti li r-rikorrent ghamel mal-Pulizija rigward l-imsemmija hsara[2].

Ir-rikorrent prezenta l-affidavit ta' **Jody Pisani** a folio 51 tal-process fejn ikkonferma li gie inkarigat mir-rikorrent sabiex jaghmel l-ghassa mal-vetturi tieghu. Huwa kkonferma li kien ra lill-intimat jitfa' likwidu lejn il-vettura tar-rikorrent permezz ta' siringa. Huwa esebixxa wkoll ir-rapport relattiv u pen drive bir-ritratti u videoclips relattivi ghall-incident[3].

In kontro-ezami x-xhud spjega li huwa personalment kien ghamel l-ghassa fuq il-post u li huwa ra lill-intimat iwaddab likwidu b'siringa lejn il-vettura tar-rikorrent. Ix-xhud spjega wkoll li r-rapport kien miktub minn huh, u li huh kien prezenti mieghu waqt l-ghassa.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-pendrive bil-videoclips u ritratti minn liema jirrizultaw ukoll dawn il-fatti.

---

[1] Folio 22 sa 30 tal-process.
[2] Dokument RPC1 sa RPC4 Folio 38 sa 48 tal-process.
[3] Dokument JP u JP1 a folio 52 sa 56 tal-process.

Minkejja li l-kawza giet differita ghall-gheluq tal-provi tal-intimat xejn anqas minn disa' darbiet[4], l-intimat baqa' ma prezenta l-ebda prova.

Il-provi mressqa mir-rikorrent ma gew kontestati bl-ebda mod mill-intimat.

Illi mill-provi prodotti, t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda jilqa' t-talba tar-rikorrent, u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-ammont ta' sitt elef u tmien mija u erbgha u hamsin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€6,654.32)[5] u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata bl-

[4] Seduta 23/05/2018, 27/06/2018, 26/09/2018, 07/11/2018, 16/01/2019, 27/02/2019, 10/04/2019, 22/05/2019, 16/10/2019.

[5]

| | | | VAT | Total | |
|---|---|---|---|---|---|
| B&C Panel Beating and Spray Painting | Stima spray Renault Kango (KGV 237) | €2,119.00 | €381.42 | €2500.42 | Dok A (a folio 25) |
| B&C Panel Beating and Spray Painting | Stima spray DAF LF (KAI 916) | €800.00 | €144.00 | €944.00 | Dok B (a folio 26) |
| FX Garage Co. Ltd Van & Car Hire | Stima kirja ta' vettura | €465.00 (€93.00 ghal hamest ijiem) | €83.70 | €548.70 | Dok C (a folio 27) |
| FX Garage Co. Ltd Van & Car Hire | Stima kirja ta' vettura | €840.00 (€70.00 ghall-tnax-il jum) | €151.20 | €991.20 | Dok D (a folio 28) |
| Protection Services Ltd | | €500.00 | - | €500.00 | Dok E (a folio 29) |
| Protection Services Ltd | | €970.00 | - | €970.00 | Dok F (a folio 30) |
| Protection Services Ltd | | €200.00 | - | €200.00 | * |
| **Total** | | | | **€6654.32** | |

- l-affidavit tar-rikorrent jghid erba' mitt Ewro (€400) (a folio 24) pero' r-rapport prezentat minn Jodie Pisani jghid depozitu ta' €200 (a folio 52).

imghax dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-kawza u cioe mill-14 ta' Lulju 2015, u bl-ispejjez tal-prezenti procedura kontra l-intimat.

(ft) ***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur